MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru. 911/2004

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D’Anastas)
vs
Beatrice Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli f’Gunju u / jew f’Lulju 2004 b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fl-Imriehel limiti ta’ Hal-Qormi u cioe’ filwaqt li kien ghand Mercieca Furnishings sitwat fi Triq Notabile, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li tisraq uriet dan l-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u li liema delitt kieku kien ikkunsmat kien ikun aggravat bil-persuna, mezz u valur;

Fuq ammissjoni;

Issibha hatja, wara illi rat l-Artikoli 261 (b) (c) (d), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 278, 279, 280, 281, 17, 41 (1) (a) tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-hatja irregistrat ammisjoni mill-ewwel u ghandha fedina penali netta u ghalhekk tara illi piena karcerarja mhix idonea ghall-akkadut u jkun aktar ghaqli li hi tinghata l-ahhar opportunita’ biex tirriforma u taqbad it-triq it-tajba, ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberaha tobbligaha li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bl-import legali ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------